MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1319/1997/1

**Evie (Eve) Formosa f'isimha proprio u kif ukoll bhala kuratrici *ad litem* tat-tifla minuri Bernice.**

**vs.**

**Anthony Portelli.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 ta' Gunju 1997 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici twilditilha tarbija bl-isem ta' Bernice minn relazzjoni li kellha ma' Anthony Portelli, liema tarbija twieldet fit-2 ta' Ottubru 1993, (ara Dok. "EF1");

Illi kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid jirrizulta li l-missier naturali tat-tarbija huwa Anthony Portelli u kif *del resto* l-istess konvenut irrikonoxxa lill-imsemmija tarbija bhala bintu naturali permezz ta’ att notarili, kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza;

Illi l-konvenut huwa obbligat li mhux biss imantni lill-imsemmija tifla minuri izda li jhallas kull manteniment minnu dovut mhux biss ghall-futur izda mid-data tat-twelid tat-tarbija minuri u dan *in linea* mal-principju stabbilit fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ l-20 ta’ Dicembru 1974 fl-ismijiet: “<u>Filippu Grech vs Antonia Magri (XXXII.I.468)</u>”

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata *in linea* ta’ manteniment ghat-tifla minuri Bernice okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi, u liema somma ghandha tirrifletti dak li kien ikollu jhallas l-konvenut sallum mid-data tat-twelid tat-tarbija sad-data tas-sentenza effettiva u ohra giornaljiera u *cioe` ‘per diem’ in linea* ta’ manteniment futur ghall-imsemmija tarbija Bernice, bl-imghax legali skond il-ligi.

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici Evie Formosa a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghas-seduta tat-12 ta’ Mejju 1998.

Rat il-verbali tas-seduti tat-12 ta’ Mejju 1998 a fol 9 tal-process fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita ghall-21 ta’ Ottubru 1998 ghan-notifika tal-partijiet wara l-hinijiet legali; u tat-12 ta’ Mejju 1998.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 17 ta' Dicembru 1998 a fol 14 fejn talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizza n-notifika tal-konvenut permezz tal-procedura ta' l-affissjoni. Il-Qorti, attwalment presjeduta, laqghet it-talba skond l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12** bid-digriet moghti fit-22 ta' Dicembru 1998.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 1998 a fol. 17 fejn deher Dr. Toni Abela ghall-attrici li ta ruhu b'notifikat bil-mozzjoni ta' l-appuntament. Il-kawza giet differita ghas-7 ta' Jannar 1999 ghan-notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali.

Rat ir-rikors ta' Evie Formosa pprezantat fl-20 ta' Jannar 1999 a fol. 19 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizza n-notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali f'xi wahda mill-jiem u l-hinijiet ndikati f'dan ir-rikors odjern. Il-Qorti laqghet it-taba.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Anthony Portelli pprezentata fir-registru superjuri fit-22 ta' Frar 1999 a fol 23 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li huwa dejjem mantna lit-tifla Bernice.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi tal-konvenut a fol 24 u 29 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta' Jannar 1999; tal-5 ta' Mejju 1999 (fol 30) fejn deher Dr Ludvic Caruana ghall-konvenut. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia biex jisma' il-provi kollha dwar il-kaz bil-fakolta' li l-partijiet jipprezentaw xhieda bl-affidavits. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghat-8 ta' Lulju 1999; tat-8 ta' Lulju 1999 (fol. 31) fejn deher l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia li nforma lill-Qorti li l-provi qed jingabru regolarment. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex jiffissa tliet seduti li ghandhom isiru fi

zmien tletin gurnata mid-data tas-seduta u l-kawza giet differita ghas-6 ta’ Ottubru 1999.

Rat il-verbali tas-seduti bid-dokumenti annessi mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia a fol 32 fejn fis-16 ta’ Gunju 1999 xehdet l-attrici **Evie Formosa;** tad-29 ta’ Lulju 1999; u tad-29 ta’ Settembru 1999 fejn xehed il-konvenut **Anthony Portelli** (fol 36).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta tas-6 ta’ Ottubru 1999 (fol 38); tal-14 ta’ Dicembru 1999: tat-23 ta’ Marzu 2000: tal-25 ta’ Mejju 2000: u tat-18 ta’ Ottubru 2000;

Rat ir-rikors ta’ Evie Formosa datat 27 ta’ Ottubru 2000 a fol 51 fejn talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tharrek lill-Banek lokali bhala xhieda u jigu awtorizzati jiddeponu taht dawk is-soliti kawteli. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta bid-digriet taghha tat-8 ta’ Mejju 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Dicembru 2000 a fol. 53 tal-process fejn deher Dr. Toni Abela ghall-attrici u l-konvenut Anthony Portelli li ta ruhu b’notifikat tar-rikors tas-27 ta’ Ottubru 2000, u ddikjara li ma jopponix ghall-istess xhieda. Il-Qorti tat digriet u laqghet it-talba u ezentat l-istess xhieda mis-sigriet professjonali b’dan li x-xhieda taghhom tkun disponibbli biss lill-Qorti, lill-Assistent Gudizzjarju, u lill-partijiet u difensuri taghhom. Il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Frar 2001;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Frar 2001.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia tad-9 ta’ April 2001 a fol 59 fejn xehdu:- **Paul Aquilina** rapprezentant tal-Bank of Valletta plc (fol 59), **Adrian Borg** rapprezentant tal-HSBC (fol 60), u **Vanessa Camilleri** rapprezentanta tal-Lombard Bank (fol 62) ilkoll prodotti mill-attrici.

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif attwalment presjeduta tas-17 ta’ Mejju 2001 a fol 63 fejn

deher Dr Noel Bartolo ghall-attrici. Il-kawza giet differita biex l-Assistent Gudizzjarju jesplita l-inkarigu tieghu mhux aktar tard mid-differiment tal-10 ta' Ottubru 2001.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia li saret fil-21 ta' Mejju 2001 fejn xehed il-konvenut **Anthony Portelli** in subizzjoni (fol 64).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Ottubru 2001; u tal-11 ta' Dicembru 2001.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia tat-30 ta' Jannar 2002 a fol 75 fejn xehed **Keith Sammut** rapprezentant tal-HSBC Bank prodott mill-attrici; tat-12 ta' Marzu 2002 fejn xehed **Dr Ivan Sammut** *legal advisor* tal-HSBC Bank, prodott mill-attrici (fol 79); u tat-8 ta' April 2002 fejn rega' xehed **Keith Sammut** (fol 80) u pprezenta dokument li huwa mmarkat bhala Dok. "IS1".

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif attwalment presjeduta tad-9 ta' April 2002 a fol. 82 fejn meta issejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti irrevokat l-inkarigu ta' l-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni quddiem din il-Qorti kif divversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef David Scicluna fil-21 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef David Scicluna tal-21 ta' Marzu 2002 a fol 83 fejn il-Qorti ordnat komunika lil Dr Kenneth Gulia biex jirritorna l-process u l-kawza giet differita ghat-30 ta' Ottubru ghall-provi ta' l-attrici.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif divversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-30 ta' Ottubru 2002; tal-21 ta' Jannar 2003 fejn dehret l-attrici assistita minn Dr Charmaine Zammit u deher il-konvenut. Dr Zammit informat lill-Qorti li fadlilha

bhala xhieda lid-Direttur tal-VAT u Direttur tas-Servizzi Socjali. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi ta' l-attrici ghall-4 ta' Marzu 2003.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta tat-3 ta' Marzu 2003 fejn minhabba li l-Imhallef sedenti kien indispost il-kawza giet differita ghas-7 ta' Mejju 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti hekk kif diversament presjeduta tas-7 ta' Mejju 2003 a fol 91 fejn dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri. Xehedu **Adrian Mallia** (fol 94) u **Saviour Mallia** (fol 97), it-tnejn prodotti mill-attrici. Il-kawza giet differita ghall-provi li kien fadal ta' l-attrici ghas-17 ta' Gunju 2003; tas-17 ta' Gunju 2003 (fol 100) fejn dehret Dr Charmaine Zammit ghall-atturi li nfurmat lill-Qorti li l-provi ta' l-atturi huma ezawriti. Deher ukoll Dr Anthony Ellul. Il-kawza giet differita ghall-provi konvenut li gie awtorizzat jipprezenta xhieda bl-affidavit ghall-4 ta' Novembru 2003; u tal-4 ta' Novembru 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk diversament presjeduta tal-5 ta' Dicembru 2003 a fol 145 fejn dehret Dr Ruth Scott ghall-konvenut prezenti u pprezentat *seduta stante* tliet affidavits, ta' **Anthony Portelli,** mmarkat Dok. "RB1" bid-dokumenti mehmuza, tal-**Professur Abraham Galea** Dok. "RB2" (fol 142) u ta' **Anthony Engerer** Dok "RB3" (fol 143). Il-Qorti nnominat lil Dr Veronica Aquilina bhala Assistent Gudizzjarju biex tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut. Il-kawza giet differita ghat-18 ta' Frar 2004; tat-18 ta' Frar 2004; tat-23 ta' April 2004; tat-2 ta' Gunju 2004; u tat-12 ta' Ottubru 2004 fejn dehret Dr. Charmaine Zammit ghall-attrici prezenti u Dr Anthony Ellul ghall-konvenut prezenti. Xehed **Carmel Azzopardi** mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, u li pprezenta dokument liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "SA" a fol 153 tal-process, **Saviour Theuma** mic-*"Children's Allowance Section"* li pprezenta sitt dokumenti mmarkati Dok. "S1" sa Dok. "S6". Xehed ukoll **Adrian Attard** mis-sezzjoni tal-"*Contributary Pensions and Benefits"*, ilkoll prodotti mill-konvenut. Il-kawza giet differita ghat-23 ta' Novembru 2004 ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk diversament presjeduta tat-23 ta' Novembru 2004 a fol. 174 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri. Xehdet **Jacqueline Tabone** u pprezentat id-dokumenti immarkati bhala Dok. "EF1". Dr Ruth Scott iddikjarat li fadlilha bhala provi produzzjoni ta' dokumenti u l-konvenut biex jixhed dwarhom. Il-kawza giet differita ghall-25 ta' Jannar 2005 ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut; tal-25 ta' Jannar 2005 fejn deher Dr Anthony Ellul ghall-konvenut u nforma lill-Qorti li l-konvenut ghalaq il-provi tieghu. Kienet prezenti wkoll l-attrici assistita minn Dr Toni Abela. Il-partijiet gew awtorizzati jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet u l-kawza giet differita ghall-15 ta' Marzu 2005 ghall-prezentata tan-nota attrici; tal-15 ta' Marzu 2005; tas-27 ta' April 2005.

Rat ir-rikors ta' Evie Formosa pprezentat fis-26 ta' April 2005 a fol. 188 fejn talbet lill-Qorti, kif hekk diversament presjeduta, tikkoncedilha li taghmel il-kontro-ezamijiet opportuni tax-xhieda mressqa mill-konvenut. Il-Qorti laqghet it-talba b'digriet taghha datat 29 ta' April 2005 a fol. 189 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-2 ta' Novembru 2005 a fol 190 fejn dehret Dr Charmaine Zammit ghall-attrici prezenti u deher il-konvenut assistit minn Dr Ruth Scott. Xehed il-konvenut **Anthony Portelli** in kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Jannar 2006 ghall-kontro-ezami u jekk ikun il-kaz ta' Anthony Engerer *da parte* ta' l-attur u trattazzjoni.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata 20 ta' Jannar 2006 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta' Marzu 2006 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti tat-2 ta' Marzu 2006 fejn dehret Dr. Charmaine Zammit ghall-attrici prezenti u Dr. Ruth Scott ghall-konvenut. Id-difensuri talbu differiment biex jipprezentaw ftehim. Il-Qorti nnotat li din mhix kawza tal-Prim' Awla – Qorti Civili izda

kawza tal-Qorti tal-Familja. Il-kawza giet differita ghaccessjoni ghall-11 ta' Mejju 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Claudanne Zammit ghall-konvenut u Dr Charmaine Zammit ghall-attrici prezenti li nfurmat lill-Qorti li l-partijiet waslu fi ftehim bil-miktub. Dr Charmaine Zammit prezentat nota b'dokument iffirmat bejn il-partijiet u bix-xhieda ta' l-Avukati. Il-konvenut gie msejjah tliet darbiet baqa' ma deherx. Il-Qorti spjegat lill-attrici l-kontenut ta' l-istess ftehim u l-konsegwenzi ta' l-istess u hija ddikjarat li fehmitu u qablet mieghu. Id-difensuri qablu li tali ammont ghandu jigi depozitat f'kont bankarju li ghandu jigi ndikat mill-attrici lill-konvenut b'ittra mid-difensuri legali. Il-kawza giet diferita ghas-sentenza in difett'ostakolu ghall-31 ta' Mejju 2006 kollox a bazi ta' l-istess ftehim.

Rat il-ftehim datat 11 ta' Mejju 2006 esebit bhala Dok. "A" b'nota konguntiva tal-partijiet datata 11 ta' Mejju 2006 iffirmata minn Dr. Toni Abela ghall-attrici u Dr. Ruth Scott ghall-konvenut fejn permezz taghha ddikkjaraw li *"huma qed jitransigu l-kawza fl-ismijiet premessi abbazi tal-ftehim anness u mmarkat bhala Dok. A u li permezz taghha jitolbu lill din l-Onor. Qorti joghgobha tinkorpora tali ftehim f'gudikat"* kollox a fol. 215 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici tablet li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata *in linea* ta' manteniment ghat-tifla minuri Bernice okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, u liema somma ghandha tirrifletti dak li kien ikollu jhallas l-konvenut sallum mid-data tat-twelid tat-tarbija sad-data tas-sentenza effettiva u ohra giornaljiera u *cioe` 'per diem' in linea* ta' manteniment futur ghall-imsemmija tarbija

Bernice, bl-imghax legali skond il-ligi. Illi l-konvenut kien ecceppixxa li huwa dejjem kien mantna lill-minuri.

Illi fil-fatt jidher li l-partijiet transigew din il-kawza kif jidher mill-verbal tal-11 ta’ Mejju 2006 u mill-ftehim esebit bhala Dok. “A” esebit b’nota konguntiva tal-partijiet datata wkoll 11 ta’ Mejju 2006 u qablu li l-istess ftehim jigi inkorporat f’sentenza ta’ din il-Qorti b’dan ukoll li l-ammont ta’ manteniment miftiehem bejn il-partijiet u li l-konvenut accetta li jhallas ghall-manteniment tal-minuri ghandu jigi depositat f’kont bankarju li ghandu jigi ndikat mill-attrici lill-konvenut b’ittra mid-difensur legali taghha.

Illi fil-att il-partijiet qabblu li jintransigu din il-kawza skond l-istess ftehim datat 11 ta’ Mejju 2006 b’dan li l-konvenut obbliga ruhu li jghaddi lill-attrici, omm il-minuri is-somma ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10.00.0) pagabbli kull xahar bil-quddiem, rapprezentanti manteniment ghall-minuri Bernice Portelli; l-partijiet qabblu li dan il-manteniment m’ghandux jigi varjat ghal ebda raguni u ghandu jibqa’ pagabbli sakemm il-minuri Bernice Portelli taghlaq tmintax-il sena jew tibda tahdem, liema avveniment jigi l-ewwel; qabblu li dan il-ftehim jigi nkorporat f’sentenza moghtija f’din il-kawza fl-ismijiet premessi u li l-kawza fuq imsemmija tibqa’ bla taxxa bejn il-partijiet u ddikjaraw li l-partijiet huma pjenament sodisfatti b’dan il-ftehim u b’verbal tal-11 ta’ Mejju 2006 qabblu li l-istess ammont ta’ manteniment hawn pattwiet ghandu jigi depositat f’kont bankarju li ghandu jigi ndikat mill-attrici lill-konvenut b’ittra mid-difensur legali ta’ l-attrici.

B’hekk din il-Qorti qed taghti din is-sentenza *in virtu* ta’ din id-dikjarazzjoni u ftehim u transazzjoni bejn il-partijiet li qed tigi inkorporata f’din is-sentenza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa’ t-talba attrici** biss fis-sens kif miftiehem bejn il-partijiet skond ftehim ta’ transazzjoni ta’ bejniethom

datat 11 ta’ Mejju 2006 esebit b’nota konguntiva tal-partijiet iffirmata mid-difensuri taghhom u datata 11 ta’ Mejju 2006 kif fuq indikat u kif jirrizulta mill-proces u mill-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Mejju 2006 b’dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenut bhala missier il-minuri Bernice Portellli li twieldet fit-2 ta’ Ottubru 1993 sabiex abbazi tal-ftehim bejn il-partijiet datat 11 ta’ Mejju 2006 ihallas lill-attrici bhala omm l-istess minuri, b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, s-somma ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10.00.0) pagabbli kull xahar bil-quddiem, u dan billi l-istess ammont ta’ manteniment ghandu jigi depositat f’kont bankarju f’isem l-attrici li ghandu jigi ndikat mill-attrici lill-konvenut b’ittra mid-difensur legali taghha, rapprezentanti tali somma manteniment ghall-minuri Bernice Portelli; b’dan li dan il-manteniment m’ghandux jigi varjat ghal ebda raguni u ghandu jibqa’ pagabbli sakemm il-minuri Bernice Portelli taghlaq tmintax-il sena jew tibda tahdem, liema avveniment jigi l-ewwel u dan dejjem skond il-ftehim bejn il-partjiet datat 11 ta’ Mejju 2006 li l-partijiet qabblu li jigi nkorporat f’din is-sentenza moghtija f’din il-kawza fl-ismijiet premessi kif fil-fatt qed issir b’dan li jinghad li l-partijiet iddikjaraw li bl-istess ftehim huma jinsabu b’hekk pjenament sodisfatti.

Bl-ispejjez bla taxxa bejn l-istess partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------